MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 1189/2013

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dylan Vella iben James u Marion xebba Refalo, imwieled il-Pieta` nhar it-3 ta' Marzu 1986. residenti gewwa 33, Triq Patri Magri Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 203286(M)

Talli;

Nhar is-17 ta’ Frar 2013 ghall- habta ta’ l-04:05am gewwa San Giljan;

1) Minghjar il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Michael Anthony Camilleri f’periklu car, ikkagunajtlu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi, hekk kif iccertifika Dr. M. Camilleri, detentur ta’ numru tar-registru mediku 2242.
2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Christopher Grech f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura hafifa, hekk kif iccertifika Dr. M. Camilleri, detentur ta’ numru tar-registru mediku 2242.

3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, akkwista, kellu il-pussess ghal-liema ghan kien, zamm jew importa munizzjon li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti bhal gass tad-dmugh.

4) U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta’ probation jew matul il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata hekk kif moghtija nhar is-27 ta’ Gunju 2011, Mill-

Magistrat Dr. M. Farrugia, liema sentenza hija assoluta u ma` tistax tinbidel.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 213, 215 (1)(d), 221 (1) tal-Kapitolu 9, Artikolu 3(a), Skeda I Art 3(8) tal- Kapitolu 480, Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ma ssibx lill-istess imputat Dylan Vella hati skond l-akkuzi detotta kontra tieghu u ghal daqstant qieghda tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------